# TALBA GĦALL-MEJTIN

Mulej ta' ħniena bla tarf,
f'idejk nafdaw lil dawk kollha li ħallew din id-dinja u marru fl-eternità. Aħna nisperaw li inti tilqa' lill-bnedmin kollha, mifdijin bid-demm ta' Kristu Ibnek.
Mulej tħarisx lejn il-ħtijiet ta' ħutna li ħallewna. U lilna li għadna hawn, li sliftna l-ħajja, għinna biex nimxu fit-triq tas-sewwa u tal-imħabba. Nitolbuk biex xħin tiġi tħabbat oħtna l-mewt, issibna mehdijin fit-talb u mgħobbijin bit-tajjeb tal-karità u l-imħabba. Mulej agħti l-mistrieħ lill-mejtin kollha u dment li aħna ħajjin, tħalli qatt li nitbiegħdu minnek. Agħtina l-fidi u t-tama biex nikbru fix-xewqa li xi darba nistrieħu fik, għal dejjem.
Ammen.



*Agħtihom o Mulej, il-mistrieħ ta' dejjem,*
*id-dawl ta' dejjem jiddi fuqhom,*
*jistrieħu fis-sliem, ammen.*

**NIBŻGĦU GĦAL LI GĦANDNA**
Fix-xahar ta' Novembru jmorru iktar nies mis-soltu biex jitolbu, u juru l-imħabba u r-rispett lejn il-mejtin, ħaġa li nibqgħu nagħmlu anke wara li dak li jkun jinfired minna. Nitolbukom biex nibżgħu għall-ambjent taċ-ċimiterji biex jibqgħu postijiet fejn wieħed ikun jista' jingħabar f'ambjent sabiħ. Għalhekk infakkrukom biex ix-xemgħat użati u ward niexef dejjem titfgħuh fil-bins li hemm apposta. Barra minn hekk, xemgħat u vażetti ma jistgħu qatt jitħallew fil-passaġġi għax dan jipperikola li xi ħadd jitfixkel jew jaqa' fihom. Dawk li għadhom iridu jagħtu l-kontribuzzjoni għaż-żamma taċ-ċimiterju jistgħu jagħmlu dan, it-Tnejn, l-Erbgħa u l-Ġimgħa mid-9:00am sal-11:00am.

**FTUĦ EXTRA TAĊ-ĊIMITERJI**
Iċ-ċimiterji tal-Ħniena Divina u tad-Duluri (Ta' Kenuna) se jkunu miftuħin ukoll nhar it-Tnejn 31 ta' Ottubru, mis-7:30am sal-4:00pm. Imbagħad kif għidnielkom, ikunu miftuħin matul ix-xahar kollu ta' Novembru.

**AVVIŻI:**

**KOMUNITÀ DAR ARKA:** ġew mistiedna jipparteċipaw maż-żgħażagħ fil-quddiesa tal-11:00am tal-Ħadd 30 ta' Ottubru, 2022. Wara l-quddiesa ser ikollhom party fiċ-Ċentru stess. Għaldaqstant jekk hemm xi benefatturi li jixtiequ jgħinu, jistgħu jagħmlu dan billi jkellmu lil Fr Mark. Grazzi.

**IL-GRUPP TA' SAN PIJU:** nagħlqu dax-xahar b'laqgħa ta' talb, it-Tnejn 31 t'Ottubru fil-5:30pm bir-Rużarju waqt l-Ispost u wara l-Quddiesa fil-kappella tas-Sorijiet. Nafu kemm kellu mħabba lejn il-Madonna. Nagħmlu l-intenzjonijiet speċjali għaċ-ċirkustanzi preżenti. Nilqgħu l-istedina.

**GĦAN-NISA:** fin-Nadur hawn żewġ gruppi (praesidia) tal-Leġjun ta' Marija li jiltaqgħu f'Dar San Pietru u San Pawl fi Triq Diċembru 13: Wieħed "Sultana tal-Familja", nhar ta' Tnejn fit-8:30am u l-ieħor "Imbierka fost in-Nisa" nhar t'Erbgħa fis-6:00pm. Titħajjar?

**L-GĦAQDA DUN FRANĠISK GRIMA:** tavża li nhar il-Ħamis 3 ta' Novembru ser tiċċelebra quddiesa fiċ-ċimiterju tal-Ħniena Divina fl-10:00am. Trasport fid-9:30am minn ħdejn iċ-Ċentru. Wara nibqgħu sejrin ir-Ramla. Ċemplu lil Tonina fuq 21553041 jew 79923153.

**SIEGĦA TAL-ĦNIENA DIVINA:** nhar il-Ġimgħa, 4 ta' Novembru fl-ewwel Ġimgħa tax-xahar. Tkun filgħaxija wara l-quddiesa tal-5:00pm. Ilkoll mistednin nieħdu sehem f'dawn il-mumenti ta' talb.

**SIEGĦA ADORAZZJONI:** bi tpattija lill-Qalb bla tebgħa ta' Marija u għall-konverżjoni tal-midinbin, nhar is-Sibt 5 ta' Novembru fit-8:15am fil-knisja tal-Qalb ta' Ġesù.

**IL-LAQGĦA TAL-GRUPP TAL-ISTILEL TAL-QALB TA' ĠESÙ:** se ssir nhar it-Tnejn 7 ta' Novembru fl-4:30pm. Nibdew bir-Rużarju u jkun hemm quddiesa fil-5:00pm. Kulħadd huwa mistieden.

**IL-KUMITAT TAL-BANDA:** ser jorganizza tombla kbira nhar il-Ġimgħa 4 ta' Novembru fis-7:00pm fil-Każin tal-Banda. Trasport provdut minn kullimkien.

**Ħin tal-Quddies**

**Ħdud u Festi:** 5:30am; 6:30am; 8:30am; 9:45am; 11:00am; 5:00pm; 7.00pm
**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5:30am; 6:15am; 7:00am; 7:45am; 9:00am; 5:00pm; 6:30pm
**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.15am
**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am; 10:15am (bl-Ingliż)
**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am